# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2476

Każ numru 2946/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

Bejn
Ruth Vella ID 292778M
u
Margaret Borg

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum l-Erbgha 10 ta Mejju 2017**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta'rikors ipprezentat minn Ruth Vella fit- 2 ta' Awwissu 2011 fir-Registru tal Qorti Superjuri ta' Malta, fejn sosstniet lit-tkeccija taghha ma kienetx wahda valida u skond il-ligi.
Minn naha taghha Margaret Borg f'risposta u dikjarazzjoni mibghuta fis-16 ta' Settembru 2011, cahdet l-allegazjoni li it-tkeccija kienet wahad ingusta u mhux skond il-ligi.
It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm erbatax (14) il-seduta , sema x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha inkonsiderazzjoni l-argumenti kif prezentati fit-trattazzjoni finali ta' l-avukati difensuri.
Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba zewg partijiet involuti, kif ukoll minhabba ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

   Ruth Vella li minn issa il-quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti kienet mghejjuna minn l-Avukati Joanne Vella Cuschieri, l- Avv Abigail Critien u l-Avv Joseph Schembri.
   Margaret Borg li min issa il-quddiem ser tissejjah l-intimata, kienet irrapprezentata mil-Avv Ian. Spiteri Bailey.

.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

   Ir-rikorrenti tghid li l-impieg taghha bhala Beauty Therapist ma l-intimata beda fis-17 ta' Mejju 2010. Dan l-impjieg izda gie irregistrat mal-ETC fl' 1 ta' Marzu 2011.

   Fil-25 ta' April, 2011 permezz ta' ittra, l-intimata infurmat lir-rikorrenti li l-impieg taghha kien ser jigi itterminat fit-30 ta' April 2011 u li dan kien qed isir waqt il-*Probation.*

   Ir-rikorrenti tinsisti li z-zmien tal-probation kien ilu li ghadda u ssostni li skond dak li qaltilha l-intimata, ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet minhabba li hi, ir-rikorrenti kienet tqila.

4. **Il-lista ta' xhieda:**
   Xhieda imressqa ser ikunu skond kif elenkati fil-lista annessa fid-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrenti minn naha ta' l-intimata fil-lista annessa mar-risposta u dikjarazzjoni taghha.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**
   Dokumenti ipprezentati mir-rikorrent immarkati bhala Dok RV 1 sa RV6; RV/JS 1; Dokumenti ipprezentati mis-socjeta intimata immarkati bhala Dok A;B;C.

   Kif ukoll Dok AG/HSBC/1;JC/BOV 1 sa 19.li kienu ipprezentati mix-xhud li jirrapprezenta lill Bank HSBC.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**
   **Margaret Borg:** **"** *Jiena kont ghidtilha jiena ma mweghedekx ejja ha nara x'taf, jiena m'ghandi l-ebda intenzjoni li ninpjega lill hadd for the first year imma hi xorta giet "*
   *" Ghidtilha meta tibda tahdem se nhallsek u ghidtilha meta" (pag13)*

   **L-Avv Spiteri Bailey** staqsa " _________*jigifieri dan meta kien meta qaltlek biex naghmlu il-ktieb tax-xoghol?"* *M. Borg "End of February".(pag 7).*

   **Margaret Borg: "** *Kont inhallasha according ta' x'tahdem imma gieli kont inhallasha over and above" (pag 9).*

**Margaret Borg: "** *Kieku jiena ridt naghmel dan il-fatt ghax tkun pregnant, kieku l-ewwel haga li kont naghmel, insaqsiha qabel ma naghmlillha il-ktieb tax-xoghol isma Ruth int mintiehx pregnant hux? Ma staqsejthiex, Ghamiltilha il-ktieb tax-xoghol."* (pag22).

*" Kienet tigi biex tittrenja. Tigi imma li ma kinietx impjegata mieghi ghax jien ghalija meta nimmpjega lil xi hadd nghamlillha l-ktieb tax-xoghol*" (sed 30-10-2013 (pag 8).
**Ruth Vella:** fir-risposta taghha ghall mistoqsija *"____________id-data tal-bidu tal-impieg tieghek ufficjalment skond il-karti bil-ligi huma ta' l-1 ta' Marzul 2011??. risposta_____ Ufficjalmet iva*" (sed 2-07-2014 pag1 ).

**Ruth Vella:** *Kienu jghidulhi biex nidhol certu sieghat_____u meta jkun hemm klijenti kont naghmilhom jien_______".*

*"Jien aqat ma kont naghmilhom tmien sieghat, ghax daqqa jghidu li illum tigiex ghax ma ghandniex cans naghmlu training".*
*" ___________________JIen tajtha c-cans lis-sinjura ghax kien hemm hafna teething problems ghax kien ghadu hanut gdid, tajna naqra cans_____________"* (sed 02-2015 pag 3;4;8 )

**7 Sintezi tat-Trattazzjoni finali:**

**L-Avv. J.Schembri.** ghar-rikorrenti spjega li hi kienet fl-impieg ghax hija kienet qed tigi imhallsa regolarment b'somma fissa mis-7 ta' Mejju 2010, u li dawn kienu ikunu anke b'mod ta' cekkijiet.
Jirreferi ghall xhieda li jafu lir-rikorrent li hi kienet tattendi f'dan il-post regolarment.
l-Avv Schembri isemmi li l-intimata ma kienetx cara fix-xhieda taghha ghar-rigward tar-raguni ghalxiex kienet thallas lir-rikorrenti, u isosstni ukoll li anke jekk l-intimata kienet ftehmet verbalment fuq l-impieg tar-rikorrenti, dan jghodd bhala ftehim.
L-Avv. Schembri jirritjeni li skond defenizzjonijiet kemm ta' impieg kif ukoll ta' impjegat/a ir-rikorrenti kienet f'impieg u ghaldaqstant ukoll tenna li it-talba originali taghha giet mibdula ghall wahda ta' kumpens.

**L-Avv. Ian Spiteri Bailey. g**hall-intimata, jirrileva li bhala stat ta' fatt dokumentat l-impieg tar-rikorrenti beda fl-1 ta' April 2011, kif ukoll galadarba ir-raguni kif dikjarata fil-formola tat-terminazzjoni tindika car li kienet wahda ta' zmien ta prova ( probation), u li bl-ebda mod ma tissemma il-kwistjoni tat-tqala.
L-Avv. Spiteri Bailey ibbaza l-argumenti tieghu fuq dokumentazzjoni tal-fatti fejn sosstna li filwaqt lir-rikorrenti tghid li ghamlet rapport il-labour office, ma ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Hu, irrifera ghall kaz ta' meta marru tal-labour office fil-hanut ta' l-intimata, u ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda turija tal-presenza taghha, meta mill-banda l-ohra hija kienet qalet li marret tirraporta ghall numru ta' drabi l-istess labour office.

L-Avv, Spiteri Bailey ghamel accenn li l-istat tas-suppost impieg tar-rikorrenti kien wiehed illegali minn naha taz-zewg partijiet. Hu jirritijeni li ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda oggezzjoni, ghal-formola tar-registrazzjoni fir-rigward tad-data ta'l-1 ta' Marzu 2011, kemm mal-labour office jew ma l-ETC.
L-Avv Spiteri Bailey baqa isosstni li xi haga illegali qatt ma tista issir legali.

**7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

Dan il-kaz huwa wiehed li huwa msawwar madwar l-argument ta' meta effettivament beda l-impjieg tar rikorrenti mal-intimata u cjoe jekk hux fis-17 ta' Mejju 2010 jew fl' 1 ta' Marzu 2011.

Mill-fatti li hargu f'dan il-process r-rikorrenti kienet tidhol ghax-xoghol ghand l-intimata sa minn Mejju 2010 u kienet tircievi hlas skont is-sieghat li kienet taghti servizz, kemm fi flus kontanti u anke permezz ta' cekkijiet.

Huwa veru li l-impjieg tar-rikorrenti  kien irregistrat mal-ETC f'Marzu 2011, pero dan ma' jfissirx li qabel dik id-data ma' kienx hemm relazzjoni lavorattiva bejna u bejn l-intimata.

Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta'Malta jiddefinixxi mpjieg bhala '...li tinkludi kull relazzjoni li biha persuna tkun tahdem jew taghmel xi servizzi ghal persuna ohra.' Artilklu 36 (1) ta' li stess Kapitlu jghid li '... l-ewwel sitt xhur ta' kull impjieg taht kuntratt ta' servizz ikun impjieg bi prova...'.

U huwa propju ghalhekk li r-rikorrenti qed issostni li meta l-impjieg tar-rikorrenti gie mitmum f'April 2011, tali temm ma'  kienx sar waqt il-*probation* u dan ghaliex hija kienet ilha taghti servizz lill intimata sa minn Mejju 2010.

Fir-rigward tal-perjodu ta' bejn Mejju 2010 u Marzu 2011, it-Tribunal fil-kunsiderazzjoniniet tieghu ghamel dawn il-mistoqsijiet :

(1) Kien hemm xi tip ta' kuntratt ta' xoghol, bejn ir-rikorrenti u l-intimata?
(2) Kienet stabbilita xi relazzjoni ta' xoghol bejn ir-rikorrenti u l-intimata?
(3) Kien hemm xi tentattiv jew talba sabiex isir xi tip ta' kuntratt ta' xoghol  minn naha tal-partijiet?
(4) Kienet tigi mghotija xi tip ta' rimunerazzjoni lir-rikorrenti matul il-perjodu li hi kienet tattendi fuq il-post tax-xoghol?

It-Tribunal ghamel analazi komprensiva tax-xhieda taz-zewg partijiet u fehem sew, li filwaqt li fil-bidu  l-intimata ma kelliex intenzjoni konkreta sabiex timpjega lir-rikorrenti, l-intimata accettat lir-rikorrenti sabiex tattendi fil-post tax-xoghol u dan anke ghal perjodu ta' xhur b'orarju maqbul bejn iz-zewg partijiet. Pero huwa tal-fehma li l-fatt li fil- 1-03-2011 l-impieg tar-rikorrenti gie registrat mal-ETC, (Ref Doc C) bl-accettazzjoni taz-zewg partijiet dan il-pass kien jikkonferma biss li r-relazzjoni lavorattiva li kienet diga tezisti kienet ser tigi regolarizzata, u mhux li dak li sar qabel jithassar qiesu qatt ma' ezista.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' kopja ta' kuntratt, (draft Dok RV/JS1), mhux iffirmat fejn l-intimata offriet li r-relazzjoni lavorativa ta' bejniethom issir wahda ta' 'kuntratt definit'. U jqies li dan il-fatt minnu nnifsu jirrispekkja posizzjoni li qabel din l-offerta ta' 'kuntratt definit' diga kien hemm relazzjoni ta' xoghol bejn il-partijiet.

Dan il-kuntratt qatt ma' gie iffirmat ghaliex ma' kienx hemm qbil fuq hlas ta' persentagg ta' dhul mix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti fli stabbiliment tal-intimata.

It-Tribunal innota li dan il-'kuntratt definit' kien indikat li jkollu l-bidu tieghu fil-5 ta' Mejju 2011. Din id-data tikkoncidi sew mad-data tat 30 ta' April 2011 meta effettivament intemm l-impjieg tar-rikorrenti u allura tindika li tali 'ingagg b'terminu definit' kien ser isegwi terminazzjoni ta' impjieg li kien diga jezisti.

It-Tribunal fehem sew minn li stess analizi li tul il-perjodu riferut din ir-relazzjoni lavorattiva kienet 'a bazi' ta' qbil bejn il-partijiet kemm fir-rigward ta' 'hin tax-xoghol' u tar-renumerazzjoni ghas-servizz li jinghata, u anke konferma taz-zewg partijiet li tul li stess perjodu ir-rikorrenti regolarment thallset salarju mill-intimata ghal servizzi li r-rikorrenti kienet toffri lill-klijenti, b'ammont finanzjarju li kien simili bhal ta' l-impjegati ohra fl-istess post tax-xoghol. Rif ( Margaret Borg (sed 30-10-2013 pqg 10);( Dok AG/HSBC/1).

It-Tribunal waqt il-kunsiderazzjonijiet tieghu, fil-waqt li ma' setax jistabbilixxi jekk it-temm tal-impjieg kienx minhabba li r-rikorrenti kienet tqila jaraha bhala ko-incidenza stramba li l-'kuntratt definit' li kien offrut kien ser ikollu t-tmiem tieghu propju meta r-rikorrenti kienet mistennija twelled.

**8 Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet jifhem li tenut kont tac-cirkustanzi kollha, il-perjodu ta' qabel Marzu 2011 kien wiehed ta' relazzjoni lavorattiva, bil-kunsens taz-zewg partijiet, u dan f'attivita ta' xoghol lecitu.

It-Tribunal mill-fatti prezentati lilu jaghraf li l-impieg tar-rikorrenti sar wiehed regolari mid-data kif murija fil-formula tal-bidu ta' impieg, izda dan bl-ebda mod ma ifisser li il-perjodu ta' qabel din id-data fejn ir-rikorrent hadmet, u ta' dan giet imhallsa regolarment, dan ma kienx impieg. Dak li sar f'Marzu 2011 kien li dan l-impjieg gie regolarizzat billi gie registrat mal-ETC .

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti li saret nhar it-30 ta' April 2011 bir-raguni tkun ghaliex kienet ghadha bil-*probation* ma kienetx wahda gusta u skond il-ligi u dan ghaliex il-perjodu ta' *probation* kien skada f'Novembru 2010 . Ghaldaqstant jordna li ir-rikorrenti ghandha tinghata kumpens ta' elf u hames mitt euro (€1,500) li ghandhom jithallsu fi zmien xahar minn din id-decizjoni

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

James Pearsall

Chairman